20 ta' Marzu, 1946.

Imħallef :

l-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Cassar et. *versus* Carmelo Axiak (*)

**Kuntratt — Interpretazzjoni — Gwerra.**

*Fl-interpretazzjoni ta' kuntratt, meta s-sens ordinarju huwa ċar u ma jġibx assurdità jew inkonsistenza manifesta mal-klawsoli l-oħra tal-kuntratt, għandu jiġi segwit dak is-sens.*

*B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, il-klawsola "Sadment li tkun għadha sejra l-gwerra mal-Ġermanja" fil-każ preżenti ġiet interpretata fis-sens illi kienet tfisser iċ-ċessazzjoni tal-ostilità, u mhux il-paċi definitiva bit-trattat formali tal-paċi.*

(*) Konfermata mill-Appell b'adozzjoni tal-motivi fl-24 ta' Ġunju, 1946

Il-Qorti, — Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-3 ta' Dicembru 1943 huma kkoncedew lill-konvenut, b'titolu ta' cens perpetwu, żewġ porzjonijiet mill-għalqa msejħa "Ta' Crarec", li tinsab Birżebbuġa, bic-cens ta' £39. 13. 10, b'dana però li dment li tkun għadha sejra l-gwerra mal-Germanja l-konvenut ikun obligat iħallas nofs ic-cens; illi l-gwerra mal-Germanja spiccat fit-8 ta' Mejju 1945, imma l-konvenut jippretendi li għandu jibqa' jħallas nofs ic-cens; u talbu li għarraġuni li l-gwerra mal-Germanja spiccat fit-8 ta' Mejju 1945, jiġi dikjarat u deciż li l-konvenut mit-8 ta' Mejju 1945 huwa obligat iħallas ic-cens intier, u mhux nofs ic-cens, taż-żewġ porzjonijiet tas-sit fabbrikabili fuq imsemmi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u bl-ordni lill-istess biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-pont kontrovers f'din il-kawża hu jekk bil-kliem "dment li tkun għadha sejra l-gwerra mal-Germanja", li hemm fil-kuntratt eżibit in kopja fol. 4, il-partijiet riedux, kif jippretendi l-konvenut, ifissru ż-żmien meta jsir it-trattat formali tal-paci, jew, kif isostni l-attur, meta fil-fatt jispiccaw l-ostilitajiet mal-Germanja. Il-pont ma hux għall-konvenut ta' importanza biss akkademika, għaliex skond il-kuntratt hu kellu jħallas nofs ic-cens, u mhux kollu, dment li jibqa' l-perijodu indikat bil-kliem dibattuti;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni ma hix ta' soluzzjoni difficili, jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh il-principju konoxxut ta' ermenewtika legali enuncjat hekk fil-kawża "Lodger vs. Varey", 1 King's Bench, 506, 1942:— "............... 'prima facie', words must be taken to have been used in their ordinary and grammatical sense". Meta s-sens ordinarju hu car, u ma jġibx assurdità jew inkonsistenza manifesta mal-klawsoli l-oħra tal-kuntratt, allura għandu jiġi segwit dak is-sens; għaliex wieħed għandu jippresumi li l-partijiet riedu jużaw il-kliem li fil-fatt użaw, mhux f'xi sens eccezzjonali u specjali, imma fis-sens tagħhom ordinarju;

Illi apparti illi fil-kliem kontroversi ma jissemmew bl-ebda mod il-paci jew it-trattat tal-paci, il-kliem fihom infus-

hom huma tan u haġa oħra ma jistgħux ifissru ħlief it-tmiem ta' l-ostilitajiet, ċjoe ta' dak l-istat jew sitwazzjoni li fih il-partijiet, skond id-definizzjoni ta' Grotius (De Jure Belli ac Pacis, Lib. 1, Kap. 1, para. 2) ikunu qegħdin jiddisputaw "bil-forza ta' l-armi";

Illi bu veru, dottrinalment, illi hemm distinzjoni bejn iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet u l-paċi definittiva; imma hu anki veru illi meta wieħed igħid "gwerra", ifisser, fil-parlar ordinarju, dak li bil-kelma "gwerra" intenda d-Davis (Elements of International Law, pag. 271), jigifieri "an armed contest between states..............."; u għalhekk it-tmiem tal-gwerra jfisser ordinarjament it-tmiem tal-konteża armata;

Illi l-frażi wżata fil-każ preżenti kienet anzi aktar reċiża, għaliex il-kelma "sejra" fil-frażi "tkun għadha sejra l-gwerra" għandha fil-Malti sens "attiv". Hekk, riferita għal spettakolu kwalunkwe, meta wieħed igħid "il-film għadu sejjer", "il-partita għadha sejra", ifisser kontinwazzjoni ta' stat "attiv". Hekk ukoll bil-kliem "tkun għadha sejra l-gwerra" wieħed ma jistax, bla ma jiddeforma s-sens ordinarju u jimpropja l-komprensjoni loġika, jifhem il-kontinwazzjoni teorika ta' stat ta' gwerra fi stat passiv, imma għandu jifhem il-kontinwazzjoni ta' l-ostilitajiet f'sens attiv ta' gwerreġġjar;

Illi dana s-sens tal-kliem hu konformi ma' l-intenzjoni verosimili tal-kontraenti; għaliex kienet tkun eżaġerazzjoni li b'dawk il-kliem, hekk ċari u sempliċi, wieħed igħid li l-partijiet riedu jirriferixxu għad-distinzjoni dottrinali ta' ostilitajiet u paċi fi trattat formali;

Ikkunsidrat;

Illi l-annunzi uffiċjali, li bħala li dehru fil-Gazzetta tal-Gvern il-Qorti tista' tieħu "judicial notice" tagħhom, jikkonfermaw din il-veduta, u fl-istess ħin jistabbilixxu d-data li għandha tiddelimita l-patt kontrovers. L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, fil-messaġġ uffiċjali mibgħut lill-Maestà Tiegħu r-Re fit-8 ta' Mejju 1945, hekk beda:— "On the conclusion of hostilities and the utter defeat of the enemies of Your Majesty in Europe..........." (G.N. 216 ta' l-1945). Is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, fil-messaġġ mibgħut lill-Kolonji ta' l-Imperu Ingliż, hekk beda:— "The utter defeat and unconditional surrender of Germany brings to an

end one phase of a war which threatened the very existence of the British Commonwealth..............." (*il-fażi l-oħra* kienet allura l-gwerra mal-Ġappun);

Ikkunsidrat;

Illi skond il-verbal fol. 13, il-konvenut offra provi testimonjali biex jipprova illi bil-kliem *in kwistjoni* l-partijiet riedu jfissru meta *sseħħ il-paċi definittiva bit-trattat formali* tal-paċi;

Illi l-Qorti ta' l-Appell, presjeduta minn Sir Adrian Dingli ma' l-Imħallfin Dr. Xuereb u Dr. Gauci, fil-kawża "Mifsud vs. Galea Naudi", maqtugħa fit-12 ta' Diċembru 1883, kienet qalet:— "Che di regola, quando una convenzione è fatta in iscritto, la risoluzione di qualunque dubbio si deve ricercare nella scrittura medesima, tracciando da essa l'intenzione delle parti; e finchè una tale risoluzione è possibile col necessario grado di certezza morale, non è lecito di ricorrere ad altri mezzi di prova aventi l'effetto di contraddire la scrittura, o di aggiungervi o di sottrarvi alcuna cosa";

Illi f'dan *il-każ* il-kliem huma, fil-fehma tal-Qorti, għarragunijiet fuq migjuba, ċari; u għalhekk wieħed ma għandux ifittex interpretazzjoni barra mill-konvenzjoni;

Illi, kif intqal tajjeb fil-ktieb "Words and Phrases Judicially Defined", kompilat minn Burrows, Edizzjoni 1943, fil-Prefazju, taħt l-intestatura "Interpretation of Documents", pagina 3, dwar ir-regoli ta' l-"Interpretation":— "It cannot be too often emphasised that they (jiġifieri r-regoli ta' l-interpretazzjoni) are employed in order to interpret obscure language, not to defeat the meaning of clear language";

Ikkunsidrat;

Illi x'kien jaqbel lill-konvenut li jagħmel ma hijiex raġuni biex il-konvenzjoni tiġi interpretata favorevolment għalih; għaliex, kif intqal (loc. cit.), "In every case the Courts are placing a meaning on the words used, and, however benevolently inclined, are not entitled either to remake the instrument or to ignore the plain meaning of words";

Ikkunsidrat;

Illi b'Order in Council tal-11 ta' Ġunju 1945 ġie stabbilit uffiċjalment illi d-data tat-tmiem tal-gwerra mal-Ġermanja hija dik tad-9 ta' Mejju 1945;

Għal dawn il-motivi;

Previju r-rigett tal-prova testimonjali;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba, u tiddikjara illi mid-9 ta' Mejju 1945, il-konvenut hu obligat iħallas iċ-ċens intier tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra tiegħu.